MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 871/2007

**C & L Calleja Trading Ltd (C-28851)**
**vs**
**Malson Limited (C-23066)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Novembru 2007, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm137.09c, u cio’ e’ llum ekwivalenti ghal Euro319.33c (tlett mija u dsatax-il Ewro u tlieta u tletin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma prodotti ta’ hut debitament mibjugha u konsenjati lis-socjeta konvenuta kif jirrizulta minn fatturi esebiti w markati Dok A u B u minn cheque mahrug mill-istess socjeta konvenuta Dok C li baqa ma giex onorat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 12 ta Ottubru 2007 esebita u markata Dok D u ta mandat ta sekwestru kawtelatorju prezentat kontestawalment ma dan l-avviz u bl-imghax legali dekorribbli minn tletin gurnata wara d-

data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-15 ta Mejju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta Lm137.09c u cio’ e’ llum ekwivalenti ghal Euro319.33c (tlett mija u dsatax-il Ewro u tlieta u tletin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn tletin gurnata wara d-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------